A.L. 561 tal-2010

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI
(KAP. 386)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw l-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kumpanniji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 425(1)(d) tal-Att dwar il-Kumpanniji, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw l-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kumpanniji, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Għaxar Skeda".

Jemenda l-paragrafu 1 tal-Għaxar Skeda.

2. Id-dispożizzjoni preżenti tal-paragrafu 1 tal-Għaxar Skeda għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subparagrafu (1) tiegħu, u minnufih wara dak il-paragrafu għandhom jiżdiedu dawn is-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(2) F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, "l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kumpanniji.

(3) Kliem u frażijiet użati f'din l-Iskeda għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att.".

Jemenda l-paragrafu 25 tal-Għaxar Skeda.

3. Il-paragrafu 25 tal-Għaxar Skeda għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-intestatura tal-paragrafu, minflok il-kliem "Tqassim ta' kapital f'azzjonijiet", għandhom jidħlu l-kliem "Kapital ta' soċjetajiet in akkomandita jew soċjetajiet limitati";

(b) fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu, minflok il-kliem "soċjetà limitata jista' jitqassam f'azzjonijiet", għandhom jidħlu l-kliem "soċjetà limitata, għandu jiġi akkwistat permezz ta' offerta ta' unitajiet u jista' jitqassam f'azzjonijiet";

(ċ) minflok is-subparagrafu (8) tal-paragrafu, għandu jidħol dan li ġej:

"(8) (a) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

"frazzjoni finanzjarja" tfisser frazzjoni ta' azzjoni sħiħa f'kull klassi ta' azzjonijiet maħruġa minn soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata;

"munita" tfisser, barra mill-euro, kull munita konvertibbli skond l-artikolu 186 ta' dan l-Att;

"munita bażi" tfisser il-munita li fiha tissejjaħ sotto-klassi;

"soċjetà *multi-class*" tfisser soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata fil-kuntest tal-paragrafu (ċ);

"soċjetà *multi-fund*" tfisser soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata fil-kuntest tal-paragrafu (k) u soċjetà bħal dik tista' ukoll tissejjaħ soċjetà umbrella;

"unitajiet" tfisser kull mod li bih jintwerew id-drittijiet u l-interessi tal-parteċipanti fi skema ta' investiment kollettiva.

(b) Att ta' soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata li jkollha l-kapital tagħha maqsum f'azzjonijiet jista' jipprovdi għall-kostituzzjoni tas-soċjetà bħala soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata b'kapital azzjonarju varjabbli u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 84(2) sa (7) u (9) ta' dan l-Att għandhom, safejn dawn ikunu japplikaw, ikunu japplikaw *mutatis mutandis* u kull riferenza għall-frażi "memorandum jew statut" għandha titqies bħala riferenza għal "att ta' soċjetà" u riferenza għall-frażijiet "kumpannija" u "kumpannija ta' investiment" għandha titqies bħala riferenza għal "soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata" u riferenza għall-paragrafu (f) tal-artikolu 69 ta' dan l-Att għandha titqies bħala riferenza għall-paragrafu (e) tal-artikolu 14(1) ta' dan l-Att.

Soċjetà *multi-class*

(ċ) Soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata tista', bl-approvazzjoni bil-miktub mogħtija mill-awtorità kompetenti, tkun kostitwita bħala soċjetà *multi-class* meta skond l-att ta' soċjetà l-kapital tagħha jkun, jew jista' jkun, rappreżentat minn klassijiet ta' unitajiet differenti jew maqsum fi klassijiet ta' azzjoniijiet differenti, u l-att hawn qabel imsemmi jkun jipprovdi għall-kostituzzjoni ta' klassijiet ta' unitajiet jew azzjonijiet differenti li jistgħu jiġu offruti jew maħruġa minn dik is-soċjetà u li ma jkunu jikkostitwixxu ebda sotto-fond distint.

(d) Soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata *multi-class* tista', bl-approvazzjoni bil-miktub mogħtija mill-awtorità kompetenti, toħloq u toffri jew toħroġ klassi ġdida jew klassijiet ġodda ta' unitajiet jew azzjonijiet. Dik il-klassi jew dawk il-klassijiet ta' unitajiet jew azzjonijiet ma jkunu jikkostitwixxu ebda sotto-fond jew sotto-fondi distinti tas-soċjetà.

(e) Kull klassi ta' unitajiet jew azzjonijiet f'soċjetà *multi-class* tista' tiġi msejħa f'munita differenti iżda klassi ta' unitajiet jew azzjonijiet tista' tissejjaħ b'munita waħda biss.

(f) Soċjetà *multi-class* ma tista' tagħżel is-segregazzjoni ta' ebda attiv u passiv tagħha.

Il-kontijiet ta' soċjetà *multi-class*

(g) Soċjetà *multi-class* li jkollha l-kapital tagħha msejjaħ f'muniti differenti għandha tifformula l-kontijiet annwali tagħha f'xi waħda minn dawk il-muniti, skont ma jista' jkun approvat mill-awtorità kompetenti.

(h) Is-soċju ġenerali ta' soċjetà *multi-class* għandu jżomm kontijiet dokumentati sew tal-attiv u l-passiv ta' kull klassi fil-munita bażi ta' dik il-klassi.

(i) Id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (g) għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għall-għemil ta' kull rapport ieħor jew dikjarazzjoni finanzjarja oħra li jistgħu jkunu meħtieġa taħt dan l-Att jew mill-awtorità kompetenti.

(j) Għall-finijiet tas-subparagrafi (g) u (i) il-konverżjoni mill-munita bażi ta' klassi ta' unitajiet jew

azzjonijiet f'munita li fiha jsiru l-kontijiet annwali tas-soċjetà *multi-class* għandha tkun skond prinċipji u prattika ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati.

Soċjetà *multi-fund*

(k) Soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata tista', bl-approvazzjoni bil-miktub mogħtija mill-awtorità kompetenti, tkun kostitwita bħala soċjetà *multi-fund*, meta skond l-att ta' soċjetà tagħha, il-kapital ikun, jew jista' jkun, rappreżentat minn klassijiet ta' unitajiet differenti jew maqsum fi klassijiet ta' azzjonijiet differenti u klassi waħda jew grupp ta' klassijiet ta' unitajiet jew azzjonijiet jikkostitwixxu sotto-fond distint tas-soċjetà:

Iżda l-kapital tal-bidu jista' jkun, jew jista' ma jkunx, organizzat f'xi sotto-fond wieħed jew aktar skond dan il-paragrafu.

(l) Soċjetà *multi-fund* tista', bl-approvazzjoni bil-miktub mogħtija mill-awtorità kompetenti, toħloq u toffri jew toħroġ klassi ġdida jew klassijiet ġodda ta' unitajiet jew azzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu sotto-fond ġdid jew ikunu kompriżi f'sotto-fond jew sotto-fondi eżistenti tas-soċjetà.

(m) Klassi jew klassijiet ta' unitajiet jew azzjonijiet li jikkostitwixxu sotto-fond f'soċjetà *multi-fund* jistgħu jissejħu f'muniti differenti iżda klassi ta' unitajiet jew azzjonijiet jistgħu jissejħu biss f'munita waħda.

(n) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "sotto-fond" tfisser il-klassi jew klassijiet distinti ta' unitajiet jew azzjonijiet li jikkostitwixxu dak is-sotto-fond f'soċjetà *multi-fund* li fihom jiġu allokati l-attiv u l-passiv distinti minn kull attiv u passiv ieħor allokati lil sotto-fondi oħra fl-istess soċjetà.

Kontijiet ta' soċjetà *multi-fund*

(o) Soċjetà *multi-fund* li jkollha l-kapital tagħha msejjaħ f'muniti differenti għandha tagħmel il-kontijiet annwali tagħha f'xi waħda minn dawk il-muniti.

(p) Is-soċju ġenerali ta' soċjetà *multi-fund* għandu jżomm kontijiet dokumentati sew tal-attiv u l-passiv ta' kull sotto-fond fil-munita bażi ta' xi klassi ta'

unitajiet jew azzjonijiet li jikkostitwixxu dak is-sotto-fond.

(q) Id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (o) għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għall-għemil ta' kull rapport ieħor jew dikjarazzjonijiet finanzjarji oħra li jistgħu jkunu meħtieġa taħt dan l-Att jew mill-awtorità kompetenti.

(r) Għall-finijiet tas-subparagrafi (o) u (q), il-konverżjoni mill-munita bażi ta' klassi ta' unitajiet jew azzjonijiet fil-munita li fiha għandhom jintgħamlu l-kontijiet annwali tas-soċjetà *multi-fund* għandha ssir skont prinċipji ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati.

Segregazzjoni ta' attiv u passiv ta' soċjetajiet *multi-fund*

(s) Soċjetà *multi-fund* tista' fl-att ta' soċjetà tagħha tagħżel li l-attiv u l-passiv ta' kull sotto-fond kompriż f'dik is-soċjetà jiġi ttrattat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi bħala patrimonju separat mill-attiv u l-passiv ta' kull sotto-fond ieħor ta' dik is-soċjetà. Meta soċjetà *multi-fund* tagħmel l-għażla hawn qabel imsemmija l-attiv u l-passiv ta' kull sotto-fond ta' dik is-soċjetà *multi-fund* għandu, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, jitqies li jikkostitwixxi patrimonju separat mill-attiv u l-passiv ta' kull sotto-fond ieħor ta' dik is-soċjetà.

(t) Ħlief għal dak il-proporzjon tal-passiv ta' soċjetà *multi-fund* li bis-saħħa tal-att tas-soċjetà jew bis-saħħa tal-kondizzjonijiet tal-offerta jew tal-ħruġ tal-unitajiet jew azzjonijiet li jikkostitwixxu sotto-fond jkun, jew għandu jkun, attribwit lil xi sotto-fond wieħed jew aktar fil-proporzjon hemm stabbilit, il-passiv imġarrab dwar kull sotto-fond għandu jitħallas mill-attiv li jifforma l-patrimonju tagħha u l-krediturі relattivi ma għandu jkollhom ebda pretensjoni jew dritt ta' azzjoni għal kull attiv ieħor tas-soċjetà, u għandhom ikunu japplikaw dawn ir-regoli li ġejjin:

(i) proċeduri li jkollhom x'jaqsmu mas-soċjetà għandhom jirrispettaw l-istatus legali ta' kull sotto-fond bħala patrimonju separat mill-attiv u l-passiv ta' kull sotto-fond ieħor tas-soċjetà skond din l-Iskeda;

(ii) proċeduri taħt l-Att għandhom

ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għas-sotto-fond bħal li kieku din kienet entità legali distinta u b'dawk il-modifiki li jkunu meħtieġa għar-rigward tal-fatt li dak is-sotto-fond ma jkunx soċjetà; u kull proċedura li tirrigwarda xi sotto-fond ma jkollha ebda effett fuq l-attiv ta' xi sotto-fond ieħor tas-soċjetà jew tas-soċjetà nnifisha; u

(iii) meta, biex jiġi evitat kull dubju, sotto-fond li jkun jikkomprendi patrimonju separat skond din l-Iskeda jkun qed jiġi stralċat, l-istralċarju ta' dak is-sotto-fond għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif hemm fid-dispożizzjonijiet tal-Att; u għaldaqstant is-setgħat kollha tas-soċji ġenerali unikament fir-rigward ta' dak is-sotto-fond għandhom jintemmu.

"Proċeduri" f'dan is-subparagrafu tirreferi għal kull proċedura skont il-paragrafi 20 sa 24 ta' din l-Iskeda u t-Taqsima VI tal-Att.

(u) Meta titwaqqaf soċjetà bħala soċjetà *multi-fund* u din tagħżel li l-attiv u l-passiv tas-sotto-fondi tagħha jiġu trattati bħala patrimonji distinti, l-att tas-soċjetà għandu jkun jipprovdi li l-valur attwali ta' kull sotto-fond għandu f'kull waqt ikun ugwali għall-valur tal-attiv ta' kull tip tas-sotto-fond partikolari wara li jitnaqqas il-passiv ta' dak is-sotto-fond.

(v) Is-soċju ġenerali ta' soċjetà *multi-fund* għandu jżomm jew jara li jinżammu dawk ir-*records*, kontijiet, dikjarazzjonijiet u dokumenti oħra separati kif jista' jkun meħtieġ biex ikun jidher li l-passiv u l-attiv ta' kull sotto-fond jkun distint u separat mill-attiv u l-passiv tas-sotto-fondi l-oħra fl-istess soċjetà.

(w) Id-dispożizzjonijiet tal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata b'kapital azzjonarju varjabbli.

(x) (i) Soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata li jkollha l-kapital tagħha maqsum f'azzjonijiet tista', jekk tkun hekk awtorizzata bl-att tas-soċjetà tagħha, toħroġ azzjonijiet frazzjonali sa dak in-numru ta' azzjonijiet deċimali, li ma jkunux inqas minn tlieta, kif ikun speċifikat fl-att tas-soċjetà, u taħt dawk il-pattijiet u

kundizzjonijiet li jistgħu jkunu stipulati fih.

(ii) Azzjonijiet frazzjonali għandhom ikunu awtomatikament kosolidati f'azzjoni sħiħa tal-istess klassi meta l-azzjonijiet frazzjonali miżmuma minn azzjonist wieħed isiru ekwivalenti għal azzjoni sħiħa."; u

(d) minnufih wara s-subparagrafu (8) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"Kif japplika l-artikolu 73 għal soċjetajiet in akkomandita jew soċjetàjiet limitati.

(9) (a) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 73 tal-Att għandhom ikunu japplikaw għal soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata, li jkollha l-kapital tagħha maqsum f'azzjonijiet, li ma tkunx soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata li jkollha liċenza mill-awtorità kompetenti bħala Fond ta' Investitur Professjonali, bla ħsara għal dawn il-varjazzjonijiet, kundizzjonijiet u modifiki li ġejjin:

(i) is-subartikoli (1), (4) u (7) għandhom jibqgħu jkunu japplikaw għalihom;

(ii) is-subartikolu (2) għandu jkun japplika għalihom u jinqara bħallikieku minflok il-kliem li hemm fih "trasferit lill-kumpannija fi żmien ħames snin mid-data li fiha l-kumpannija tkun awtorizzata li tibda n-negozju.", kien hemm sostitwit l-kliem "trasferit lis-soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata qabel ma s-soċjetà tkun awtorizzata li tibda n-negozju.";

(iii) is-subartikolu (3) għandu jkun japplika għalihom u jinqara bħallikieku minflok il-kliem li hemm fih "trasferit fi żmien ħames snin mid-data tad-deċiżjoni li jinħarġu l-azzjonijiet.", kien hemm sostitwit l-kliem "trasferit lis-soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata mhux aktar tard mid-data tal-ħruġ tal-azzjonijiet.";

(iv) is-subartikolu (5) għandu jkun japplika għalihom u jinqara bħallikieku minflok il-kliem li hemm fih "jaqblux għall-inqas man-numru u mal-valur nominali, u, meta applikabbli, mal-*premium* fuq l-azzjonijiet li jkunu se jinħarġu

għalihom.", kien hemm sostitwiti l-kliem "għall-inqas jaqblux mal-valur nett tal-attiv tal-azzjonijiet li jkunu se jinħarġu għalihom."; u

(v) is-subartikolu (6) għandu jkun japplika u jinqara bħallikieku minflok il-kliem li hemm fih "u fin-nuqqas, ir-Reġistratur għandu jirrifjuta li jirreġistra l-kumpannija jew il-prospett tal-għoti tal-azzjonijiet hekk maħruġa, u, f'dan l-aħħar każ, il-ħruġ ikun meqjus null u mingħajr effett.", kien hemm sostitwiti l-kliem "u fin-nuqqas, ir-Reġistratur għandu jirrifjuta li jirreġistra lis-soċjetà in akkomandita jew lis-soċjetà limitata u, fil-każ ta' ħruġ ġdid, il-ħruġ ikun meqjus null u mingħajr effett.".

(b) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 73 tal-Att għandhom ikunu japplikaw għal soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata, li jkollha l-kapital tagħha maqsum f'azzjonijiet, li jkollha liċenza mill-awtorità kompetenti bħala Fond ta' Investitur Professjonali, b'dawn il-varjazzjonijiet, kundizzjonijiet u modifiki li ġejjin:

(i) is-subartikoli (1), (2), (3) u (7) għandhom jibqgħu japplikaw għalihom;

(ii) is-subartikolu (4) għandu jkun japplika għalihom u jinqara bħallikieku minflok il-kliem "minn espert jew esperti indipendenti mill-kumpannija u approvati mir-Reġistratur.", kien hemm sostitwit l-kliem "kif hemm fir-Regoli dwar Servizzi ta' Investiment maħruġin għal dak il-għan mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien."; u

(iii) is-subartikoli (5) u (6) m'għandhomx japplikaw għalihom iżda ir-"rapport" imsemmi fihom u fis-subartikolu (4) għandu jsir b'dak il-mod u jkun fih dawk id-dettalji li jistgħu jkunu meħtieġa mir-Regoli dwar Servizzi ta' Investiment maħruġin għal dak l-għan mill-awtorità kompetenti.

L-artikoli 186 u 187(1) tal-Att ma japplikawx.

(10) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 186 u 187(1) tal-Att m'għandhomx ikunu japplikaw għal soċjetà in

akkomandita jew soċjetà limitata kostitwita bħala soċjetà *multi-fund* jew *multi-class*.

Regoli dwar Servizzi ta' Investiment.

(11) Sabiex tkun tista' twettaq aħjar id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli dwar Servizzi ta' Investiment skont l-artikolu 6(2)(b) tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

L-artikolu 120 tal-Att ma japplikax.

(12) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 120 tal-Att m'għandhomx japplikaw għal soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata li jkollha l-kapital tagħha maqsum f'azzjonijiet u kull avviż ta' trasferiment jew trasmissjoni ta' azzjonijiet maħruġ mis-soċjetà għandu jingħata lis-soċjetà.

L-artikolu 122 tal-Att ma japplikax.

(13) (a) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 122 tal-Att m'għandhomx ikunu japplikaw għal soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata u r-rahan ta' unitajiet jew titoli f'soċjetà jkun bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subparagrafu.

(b) L-unitajiet jew it-titoli jistgħu jiġu mirhuna, jekk l-att tas-soċjetà tas-soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata jkun hekk speċifikament jipprovdi jew, jekk ikun hekk permess taħt il-kundizzjonijiet tal-offerta jew tal-ħruġ ta' dawk l-unitajiet jew titoli, mid-detentur tagħhom favur kull persuna bħala sigurtà għal obbligazzjoni. Ir-rahan ta' unitajiet jew titoli jkun kostitwit permezz ta' strument bil-miktub li jsir bejn min jirhan u min isir ir-rahan favur tiegħu.

(ċ) Għandu jingħata avviż tar-rahan lis-soċjetà minn min jirhan jew min isir ir-rahan favur tiegħu fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta jingħata r-rahan. Ir-rahan ta' unitajiet jew titoli jitniżżel fir-reġistru tad-detenturi tal-unitajiet jew tat-titoli rispettivi.

(d) Ir-rahan ta' unitajiet jew titoli jkun effettiv dwar terza parti mid-data biss meta r-rahan jiġi reġistrat fir-reġistru tad-detenturi tal-unitajiet jew titoli rispettivi msemmija fis-subparagrafu (ċ):

Iżda s-soċjetà għandha, wara li ssirilha talba bil-miktub minn terza parti li tista' turi interess f'dan, tiżvela jekk rahan ta' unitajiet jew titoli jkunx ġie mniżżel fir-reġistru tad-detenturi tal-unitajiet jew titoli rispettivi, inkluż l-isem ta' min jirhan u ta' min isir ir-rahan favur tiegħu, l-ammont ta' unitajiet jew titoli mirhuna u d-data tar-reġistrazzjoni tar-rahan.

(e) B'riżerva għad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (d), sakemm ikun għadu jeżisti rahan ta' unitajiet jew titoli, kull trasferiment jew assenjament ieħor tal-unitajiet jew titoli mirhuna li jsir minn min jirhan, kemm b'titolu oneruż jew gratwit, ikun null u bla ebda effett:

Iżda jkun validu kull trasferiment jew assenjament ieħor bħal dak, magħmul bil-kunsens ta' min isir ir-rahan favur tiegħu, u l-unitajiet jew it-titoli li jkunu ser jiġu trasferiti jew assenjati għandhom jibqgħu soġġetti għar-rahan.

(f) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili jew tal-att tas-soċjetà, tas-soċjetà in akkomandita jew tas-soċjetà limitata, fil-każ ta' xi nuqqas taħt il-ftehim ta' rahan u wara li jingħata avviż permezz ta' att ġudizzjarju lil min jirhan u lis-soċjetà, min isir ir-rahan favur tiegħu jkollu jedd li -

(i) jiddisponi mill-unitajiet jew mit-titoli li jkunu ġew mirhuna favur tiegħu; jew

(ii) jalloka u jakkwista l-unitajiet jew it-titoli hu nnifsu; jew

(iii) jitlob lis-soċjetà tixtri unitajiet jew titoli mirhuna bi tpaċija tad-dejn dovut lilu jew ta' xi parti minnu; u għal dan l-għan, il-valur tal-unitajiet jew tat-titoli li jkunu mirhuna jkunu l-valur nett taghom korrenti:

Iżda meta l-att tas-soċjetà jkun jeħtieġ lil xi azzjonist, li jkun irid jittrasferixxi azzjonijiet fis-soċjetà, li joffrihom minn qabel lil azzjonisti oħra tas-soċjetà, min isir ir-rahan favur tiegħu ikun obbligat, qabel ma jeżerċita d-drittijiet mogħtijin b'dan is-subparagrafu, li joffri azzjonijiet bħal dawk bil-valur nett korrenti tal-attiv lil dawk l-azzjonisti, u dik l-offerta għandha tibqa' miftuħa

għal mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol.

(g) Meta jkun qed iwettaq id-drittijiet tiegħu taħt dan ir-regolament, min isir ir-rahan favur tiegħu għandu biss jiddisponi minn, jalloka u jikseb jew jitlob li jixtri dak l-għadd ta' unitajiet jew titoli daqskemm ikunu meħtieġa biex jiġi akkwistat biżżejjed rikavat biex ikun jista' jitħallas lura id-dejn dovut. Kull unità jew titolu li jifdal għandhom jingħataw lil min jirhan.

(h) Il-partijiet fi ftehim ta' rahan ta' unitajiet jew titoli jistgħu jaqblu dwar il-persuna jew il-persuni li għandhom jeżerċitaw kull dritt li jappartjeni lid-detentur ta' unitajiet jew titoli inkluż kull dritt ta' votazzjoni u d-dritt li jiġi riċevut qligħ, dividendi, mgħax jew kull ħlas ieħor dovut fuq dawk l-unitajiet jew titoli:

Iżda, meta l-ftehim bejn il-partijiet ma jkunx jipprovdi dwar dawn, id-drittijiet kollha li jappartjenu lid-detentur ta' unitajiet jew titoli għandhom, sakemm idum ir-rahan, jiġu eżerċitati minn min jirhan sa dak iż-żmien li jonqos taħt il-ftehim ta' rahan jew sakemm min isir ir-rahan favur tiegħu jenforza t-titolu tiegħu; u f'kull każ bħal dak, wara li jingħata avviż permezz ta' att ġudizzjarju lil min jirhan u lis-soċjetà, id-drittijiet kollha li jappartjenu lil min jirhan għandhom minnufih ikunu eżerċitati minn min isir ir-rahan favur tiegħu:

Iżda wkoll, kemm-il darba min jirhan u min isir ir-rahan favur tiegħu ma jkunux qablu xort'oħra fil-ftehim tar-rahan u dan ma jkunx ġie avżat lis-soċjetà, kull qligħ, dividend, mgħax jew ħlas ieħor dovut fuq unitajiet jew titoli li jkunu mirhuna għandu, matul dak iż-żmien li r-rahan ikun reġistrat fir-reġistru tad-detenturi tal-unitajiet jew titoli rispettivi, jitħallas mis-soċjetà lil min isir ir-rahan favur tiegħu li għandu jalloka dawk l-ammonti riċevuti għall-imgħax dovut fuq id-dejn assikurat mir-rahan, u, meta jkun hemm eċċess, għall-kapital.

(i) Għandu jingħata avviż ta' terminazzjoni tar-rahan minn min isir ir-rahan favur tiegħu lis-soċjetà fi żmien erbatax-il jum mit-terminazzjoni tar-rahan. It-terminazzjoni tar-rahan għandha tiġi reġistrata fir-reġistru tad-detenturi tal-unitajiet jew titoli rispettivi.

Ħruġ ta' azzjonijiet bi skont.

(14) (a) Soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata li jkollha l-kapital tagħha maqsum f'azzjonijiet, tista' tagħmel skont lil membru eżistenti li jkun intrabat bil-miktub bi ftehim mas-soċjetà li jissottoskrivi għal azzjonijiet fis-soċjetà, u li dak l-iskont għandu jitqies bħala korrispettiv għal dik ir-rabta, iżda:

(i) dak l-iskont ikun esklużivament japplika għal kull rabta pendenti li toriġina taħt il-ftehim hawn qabel imsemmi;

(ii) tingħata awtorità għaldaqstant bl-att tas-soċjetà;

(iii) ix-xorta tal-iskont għandha tiġi żvelata bil-mod meħtieġ fis-subparagrafu (ċ); u

(iv) f'ebda każ m'għandu l-valur ta' dawk l-azzjonijiet maħruġin bi skont, jitnaqqas taħt il-valur nett tal-attiv kif kien meta l-membru, li jkun qed jingħata l-iskont, ikun qabel issottoskriva għall-azzjonijiet kif hemm fil-ftehim hawn qabel imsemmi.

(b) Jekk xi azzjonijiet jinħarġu bi skont li jkun jeċċedi dak li hu permess b'dan ir-regolament, id-detentur tagħhom ikun marbut iħallas lis-soċjetà ammont li jkun daqs dak l-eċċess, flimkien ma' mgħax fis-sena bir-rata ta' żewġ punti perċentwali fuq l-inqas rata li tista' tintalab stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid prinċipali fl-Eurosistema.

(ċ) Il-kundizzjonijiet speċifikati fis-subparagrafu (a) għandhom jiġu żvelati b'mod ċar fil-prospett u f'kull dokument ta' offerta ieħor maħruġ mis-soċjetà.".